# Il-Passiġġieri tal-Kruċieri: It-Tielet Kwart tal-2023

NR201/2023 Data tal-Ħruġ: 13 ta’ Novembru 2023

*Fit-tielet kwart tal-2023, l-għadd sħiħ ta’ passiġġieri tal-kruċieri laħaq it-348,268, żieda ta’ 55.8 fil-mija fuq l-istess perjodu tas-sena ta’ qabel.*



Fit-tielet kwart tal-2023, żaru Malta 108 vapuri tal-kruċieri, żieda ta’ 11 meta mqabblin mal-istess perjodu ta’ sena qabel. Il-passiġġieri li għaddew minn Malta sabiex komplew il-vjaġġ tagħhom lejn xi mkien ieħor kienu jagħmlu l-maġġoranza assoluta tat-traffiku kollu, u laħqu l-291,216 (83.6 fil-mija). Bħala medja, kull bastiment li kien irmiġġat f’Malta ġarr 3,225 passiġġier, 921 aktar mis-sena ta’ qabel (Tabella nru 1).

Il-passiġġieri mill-Istati Membri tal-UE kienu jgħoddu 59.6 fil-mija tat-traffiku totali. Is-swieq ewlenin kienu dak Taljan li laħaq 25.3 fil-mija tal-passiġġieri kollha, segwit minn dak Ġermaniż bi 11.7 fil-mija tal-passiġġieri. L-għadd sħiħ ta’ passiġġieri minn pajjiżi mhux tal-UE laħaq il-140,544, li minnhom 40.7 fil-mija kienu ġejjin mir-Renju Unit u 28.9 fil-mija kienu ġejjin mill-Istati Uniti (Tabella nru 1).

Il-passiġġieri nisa laħqu 52.9 fil-mija tat-total. L-akbar ammont ta’ passiġġieri kienu fl-età ta’ bejn l-40 u d-59 sena (36.9 fil-mija). Warajhom, kien hemm dawk li kellhom anqas minn 20 sena (21.7 fil-mija) (Tabella nru 1).

**Jannar–Settembru 2023**

Fl-ewwel tliet kwarti tas-sena, l-għadd sħiħ ta’ passiġġieri laħaq is-645,567, li 58.0 fil-mija minnhom kienu ġejjin minn pajjiżi tal-UE (Tabella nru 2).

Il-biċċa l-kbira tal-passiġġieri kienu nisa u ammontaw għal 344,250, jew 53.3 fil-mija tat-total. Fost il-gruppi tal-età, l-akbar grupp ta’ passiġġieri kellhom bejn l-40 u d-59 sena, u laħqu l-229,065 (35.5 fil-mija). Warajhom, kien hemm il-passiġġieri li kellhom bejn is-60 u d-79 sena, li laħqu 164,686 (25.5 fil-mija) (Tabella nru 2).

Kien hemm 227 żjara ta’ vapuri tal-kruċieri fl-ewwel tliet kwarti tal-2023, b’medja ta’ 2,844 passiġġier f’kull waħda, apparagun tal-222 żjara u medja ta’ 1,739 passiġġier f’kull waħda fl-istess perjodu tal-2022 (Tabella nru 2)

## Ċart nru 1. L-għadd sħiħ ta’ passiġġieri tal-kruċieri

